MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 195/2009

**Mark Grech (I.D. Nru. 0495566M)**

**Vs**

**Tony Vassallo (I.D. Nru. 314959M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-attur permezz ta’ liema jitlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallsu s-somma ta’ erba’ elef sitt mija tmienja u hamsin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€4,658.74), ekwivalenti ghal elfejn Lira Maltija (Lm2,000), jew kwalunkwe somma verjuri li tigi likwidata jekk hemm bzonn permezz ta’ periti nominandi, bhala ammont imhallas indebitament mill-attur lill-konvenut fuq appalt li fuqu baqa’ ma sar xejn bil-konsegwenza li l-attur kien kostrett iqabbad lil haddiehor biex jesegwixxi x-xoghlijiet miftehma, prevja jekk hemm bzonn id-dikjarazzjoni illi bl-eghmil tieghu l-konvenut ta lok ghax-xoljiment ta’ l-istess appalt minhabba inadempjenza da parti tieghu; bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax

legali mit-2 ta' Dicembru 2007, id-data tal-hlas tas-somma ta' €4,658.74, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema filwaqt li jirrikonoxxi li ghandu jaghti ammont ta' flus lill-attur, jikkontesta l-ammont mitlub mill-attur fir-Rikors tieghu stante li dan huwa ezagerat, u subordinatament u bla pregudizzju jeccepixxi li l-attur ghandu jaghtih is-somma ta' sitt mija wiehed u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmu (€681.34) rapprezentanti materjal u servizzi moghtija minnu lill-attur fuq ordni ta' l-attur stess u ghaldaqstant tali ammont ghandu jitnaqqas mis-somma minnu dovuta lill-attur;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-Avukat Dottor Kenneth Grima waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru 2010 u x-xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2011;

Rat illi fl-4 ta' Frar 2011 il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu wara li l-attur talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Rat li sa' llum ma tressqet ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €4,658.74, ekwivalenti ghal Lm2,000, rapprezentanti ammont ta' flus minnu imhallsa lill-konvenut ghall-esekuzzjoni ta' appalt, liema appalt però baqa' ma giex esegwit mill-istess konvenut. Il-konvenut da parte tieghu jirrikonoxxi li ghandu jaghti ammont ta' flus lill-attur izda jikkontesta l-*quantum* ta' l-ammont mitlub mill-istess attur in kwantu skond hu huwa ezagerat u jikkontendi li mis-somma minnu dovuta lill-attur ghandha titnaqqas is-somma ta' €681.34 rapprezentanti materjal u servizzi moghtija minnu lill-attur fuq inkarigu ta' l-istess attur.

Mix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2011 jirrizulta li huwa kien inkariga lill-konvenut biex

jibnilu dar u in konsiderazzjoni ta’ dan l-inkarigu kien hallsu s-somma ta’ Lm2,000, illum ekwivalenti ghal €4,658.74, akkont. Minkejja dan jidher li l-konvenut ma tax bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan l-appalt hlief ghall-fatt li fil-post qieghed xi bricks in preparazzjoni ghall-bini ta’ hajt li però baqa ma nbeniex mill-konvenut. L-attur xehed illi skond il-Perit tieghu l-valur ta’ dawn il-bricks li baqghu ghandu huwa ta’ €250.

Fil-mori tal-proceduri sar tentattiv sabiex tintlahaq transazzjoni u in effetti intalbu u inghataw diversi differimenti ghal dan l-iskop. A detta ta’ l-attur jidher li kien intlahaq ftehim fis-sens illi l-konvenut ihallas lura lill-attur il-bilanc li jifdal mis-somma ta’ €4,658.74 wara li jitnaqqas il-valur tal-bricks ossia is-somma ta’ €250, izda dan il-hlas baqa’ ma giex effettwat minkejja diversi weghdiet f’dan is-sens da parte tal-konvenut.

Mill-mod kif giet impostata r-Risposta tal-konvenut ghat-talba attrici jidher li hemm qbil dwar il-fatt li l-appalt kummissjonat mill-attur lill-konvenut ma giex esegwit. In effetti l-konvenut jammetti li ghandu jaghti somma lill-attur izda, kif già rilevat, jikkontendi li l-*quantum* tal-hlas ghandu jkun inqas minn dak mitlub mill-attur u jrid isir tnaqqis tas-somma ta’ €681.34 rapprezentanti materjal u servizzi allegatament moghtija mill-konvenut lill-attur. Minkejja din il-kontestazzjoni però l-konvenut baqa’ ma ressaq ebda prova in sostenn ta’ dak minnu allegat.

L-unici drabi li l-konvenut deher quddiem din il-Qorti kienu biss ghall-fini li jintalab differiment bl-iskop li tintlahaq transazzjoni. Minn meta fis-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2010, id-difensur ta’ l-attur iddikjara li t-transazzjoni ma ntlahqitx ghaliex il-hlas imwieghed mill-konvenut baqa’ ma giex effettwat, l-istess konvenut ma deherx iktar quddiem din il-Qorti u lanqas talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza wara li l-attur talab li l-kawza tibqa’ ghas-sentenza kemm waqt is-seduta tas-6 ta’ Dicembru 2010 kif ukoll waqt is-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2011.

B’hekk mhux biss il-konvenut ma ssosstanzjax dak minnu allegat in opposizzjoni ghat-talba attrici izda lanqas ittanta

jikkontradici x-xhieda li ta l-attur waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2011, inkluza l-istima li ta l-Perit ta' l-attur ghall-materjal li lahaq ipprovda l-konvenut.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex raguni ghalfejn ma tqisx dak dikjarat mill-attur bhala veritjier u t-talba tieghu ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas bhala wahda gustifikata. Fid-dawl tal-fatt li l-konvenut, kif ammess mill-attur, kien lahaq ha ammont ta' bricks fuq il-lant tax-xoghol, stamti tali bricks fil-valur ta' €250, li jidher li nzammu mill-attur, il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont mitlub mill-attur ghandu jonqos bil-valur ta' tali bricks b'dan li l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur hu ta' €4,408.74.

L-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas imghax legali fuq l-ammont likwidat minn din il-Qorti mit-2 ta' Dicembru 2007, ossia d-data minn meta ghamel il-pagament akkont lill-konvenut, sad-data ta' l-effettiv pagament. F'dan ir-rigward però l-Ligi tipprovdi fl-Artikolu 1141 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi, esegwita; (2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.* Fil-fehma tal-Qorti huwa s-subartikolu 2 li japplika fil-kaz in ezami b'dana ghalhekk li l-imghax fuq is-somma li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur jibda jiddekorri mill-1 ta' Gunju 2009, ossia d-data tal-prezentata tar-Rikors promotur, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbat elef erba' mija u tmien Euro u erbgha u sebghin centezmu (€4,408.74), bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta' Gunju 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------